# IT-TAGĦLIM TAR-RELIĠJON

## NOTA ĠENERALI

L-għalliem tar-Reliġjon li ser jgħallem il-*home class* u se jkun responsabbli mill-grupp jew gruppi tal-*Core Curriculum Programme (CCP)*, għandu jimxi fuq is-Sillabu l-ġdid tal-*home class*, imma ser ikollu wkoll is-Sillabu l-ġdid tal-Ewwel livell (simplifikat – ara *attachment* bl-erba' *strands*) biex jgħinu jmexxi lill-istudenti tal-CCP. Dan is-sillabu hu interpretat aħjar għall-istudent, jekk jiġi mqabbel mas-sillabu li ħa jkun provdut għall-*home class*. L-għalliem, li għandu jagħmel hu li jara li l-istudent tal-Ewwel Livell jilħaq il-livell bażiku indikat lilu fis-sillabu tal-*CCP*. L-għalliem li ser jgħallem il-*CCP* irid jimxi fuq dawn il-materjal:

a. Il-Linji-Gwida dwar il-Metodoloġija.
b. Il-Linji-Gwida dwar l-Assessjar.
c. Is-Sillabu l-ġdid tal-*home class*.
d. Is-Sillabu l-ġdid tal-Ewwel livell.

## IL-METODOLIĠIJA LI SE TIĠI WŻATA FIL-KLASSI TAR-RELIĠJON GĦALL-ISTUDENTI TAT-TIELET KLASSI TAL-ISKOLA SEKONDARJA LI GĦANDHOM LIVELL AKKADEMIKU TAL-EWWEL LIVELL

Il-motivazzjonijiet tal-istudent tiddependi ħafna fuq il-metodoloġija li juża l-għalliem. Din tgħin biex l-istudent jieħu aktar sehem attiv u juri aktar interess fil-lezzjoni tar-Reliġjon. Il-metodoġija li juża l-għalliem trid tkun waħda li tinkorpora diversi stili ta' metodi tat-tagħlim b'mod li l-għalliem jilħaq l-istudenti kollha b'tali mod li l-istudenti japprezzaw li dak li qiegħed jiġi mgħallem u mogħti lilhom hu mfassal għall-abbiltà tagħhom personali. B'hekk, kull student iħossu aktar li hu fiċ-ċentru tat-tagħlim (*teaching and learning*) li jkun qiegħed isir fil-klassi u anke barra minnha.

Meta l-għalliem ikun qiegħed jippjana l-lezzjonijiet tiegħu għal abbiltajiet differenti tal-istudenti li jkollu fil-klassi, hu għandu jirreferi għall-istruttura tal-*Bloom's Taxonomy* biex jidentifika l-verb tal-azzjoni li hu għandu jagħmel biex joħroġ mill-istudent l-aktar potenzjal possibbli.

L-għalliem, bl-għaqal u l-esperjenza tiegħu, għandu jara li kull attività li ssir fil-klassi u barra mill-klassi, tindirizza lil tipi differenti ta' intelliġenzi għaliex l-istudenti fil-komunità tal-klassi huma għonja fid-diversità ta' intelliġenzi tagħhom. (ara *Howard Gardner's Multiple Intelligences*).

Fost il-metodi li jistgħu jintużaw nistgħu nsemmu:

- **Il-Mistoqsijiet:** Permezz tagħhom l-għalliem iwassal lill-istudent biex jidħol aktar fis-suġġett diskuss u jwasslu biex jifhem, jaħseb u jieħu sehem aktar. L-għalliem jista' jistaqsi mistoqsijiet li huma bażiċi ħafna. Il-mistoqsijiet jistgħu jkunu dawk li jitolbu tweġiba ta' kelma waħda jew ftit kliem u allura din tkun tweġiba diretta. Dawn il-mistoqsijiet l-għalliem jasal li jagħmilhom għaliex ikun jaf il-ħiliet tal-istudent tiegħu u jkun irid iwasslu biex imexxih aktar fl-għarfien tas-suġġett diskuss kif ukoll fil-mod kif jesprimi lilu nnifsu. Eż: Xi tħoss wara li tagħmel xi ħaġa ħażina? Hemm mistoqsijiet aktar profondi bħal: Xi jwasslek biex tħoss hekk? Il-mistoqsijiet iridu jkunu b'mod li

jinbnew waħda fuq l-oħra skont l-abbiltà tal-istudent. Il-mistoqsijiet għandhom ivarjaw fl-impenn li jitolbu mill-istudenti (*scaffolding*). Importanti li fil-proċess tat-tagħlim ikun hemm mistoqsijiet li jwasslu għal aktar minn tweġiba waħda tajba u li dan joħloq diskussjoni. Il-mistoqsijiet jgħinu wkoll lill-istudent fil-ħiliet tal-litteriżmu.

- **<u>Id-Demostrazzjonijiet:</u>** B'dan il-metodu l-istudent jiġi ggwidat biex jasal biex jaħseb aktar u jifhem is-suġġett diskuss permezz ta' dak li hu viżwali. Eżempji tajbin jistgħu jkunu l-PowerPoint Presentations u wkoll il-preżentazzjonijiet tal-Prezi. Biex jilħaq l-abbiltà tal-istudenti ta' din l-età, l-għalliem irid juża kliem ħafif, *slides* bi stampi li juru sitwazzjonijiet li l-istudenti jistgħu jiltaqgħu magħhom, kif ukoll *slides* bi ftit kliem. L-istudent ikun imħeġġeġ biex jagħti r-reazzjoni tiegħu għal dak li jkun ra. Matul din is-sena, l-għalliem jista' joħloq ppts dwar id-diversi tipi ta' relazzjonijiet – bejn il-membri tal-familja, bejn il-ħbieb, bejn ġuvni u tfajla li jibdew relazzjoni ta' mħabba. L-istudent jista' jkun mistieden biex, kemm waħdu jew/u ma' sħabu, jibni ppts dwar is-suġġetti diversi li jkun qiegħed jgħallem dwarhom l-għalliem. Dan iwassal lill-istudent biex jiskopri hu nnifsu d-dinja tal-informatika.

- **<u>Ix-Xogħol fil-gruppi:</u>** Il-gruppi jistgħu jkunu omoġenji jew eteroġenji. Dan il-metodu jkopri gruppi li jvarjaw minn gruppi ta' tnejn jew aktar fejn l-abbiltajiet tal-istudenti jistgħu jvarjaw biex kulħadd jista' jkollu rwoli differenti bħal, min jikteb, min ipinġi, min imexxi, min jiddiskuti, eċċ. Bħala eżempju ta' waħda mill-attivitajiet li tista' ssir fi grupp hija li l-istudenti jiġu mitluba jippreparaw *chart* dwar il-firdiet li jġib miegħu d-dnub u fil-grupp ikun hemm min jikteb, min ipinġi u anke min isib xi stampi.

- **<u>Il-Logħob edukattiv:</u>** Dan jgħin lill-istudenti biex filwaqt li jieħdu pjaċir 'jilagħbu', ikunu qegħdin jitgħallmu. Dan hu wieħed mill-aktar metodi effettivi għat-tagħlim, għaliex ikun hemm aktar sens ta' pjaċir waqt it-tagħlim minn xi metodu ieħor. Hu importanti li l-logħob inkluż ikun ta' livelli differenti biex jilħaq l-abbiltajiet differenti ta' kull studenti u jgħinhom jiżviluppaw. Eżempji ta' logħob edukattiv jista' jkun *card games*, *word games*, *matching*, *word search* u *pictograms* u *cryptograms*. Kull tip ta' logħob irid ikun livellat għall-bżonnijiet ta' kull student.

- **<u>Ir-*Role play*:</u>** Hawnhekk l-istudent, filwaqt li jidħol fil-partijiet tal-persuni involuti, jesperjenza anke emozzjonalment dak li l-persuna ħasset meta għaddiet minn dik l-esperjenza partikolari u hekk ikun jista' jifhem aħjar dak li jkun qiegħed iġarrab. L-istudenti li ma jafux jaqraw jistgħu jingħataw parti li fiha jagħmlu *miming*. Eż fl-istorja tal-ħolqien studenti li jafu jaqraw, jistgħu jaqraw is-silta u l-istudenti l-oħra jagħmlu l-*miming* tagħha. Meta l-attività tal-miming issir fig rupp eterġenju, l-għalliem jista' jqassam xogħol (*tasks*) differenti lil studenti ta' ħiliet/kapaċitajiet differenti. Jistgħu jkunu l-istudenti stess li fi grupp jiddeċiedu t-temi u x-xogħol li huma ser jagħmlu fil-grupp. Xi ħadd tajjeb fil-kitba jikteb, kif jaf hu u bil-mod tiegħu, l-ideat li joħloq jew jiżvolġi l-grupp. Oħrajn li huma tajbin fl-Arti, jaħdmu *charts* jew *props*.

- **<u>Il-*Case Studies*</u>**: L-istudent, waqt li jara s-sitwazzjoni ppreżentata lilu, ikun jista' jiddiskuti ma' sħabu tal-grupp jew klassi l-esperjenza personali tiegħu. Dan jgħin ukoll lill-istudenti biex jesprimu l-ħsibijiet tagħhom anke f'sitwazzjonijiet li huma viċin tar-realtà li huma jgħixu. Dan iwassal ukoll biex l-istudent jitħarreġ fid-diversi aspetti tal-litteriżmu. Bħala xogħol tista' ssir diskussjoni u applikazzjoni ta' dak li ġie diskuss f'kull każ. Meta dan il-metodu jkun maħdum fi gruppi ta' studenti ta' abbiltajiet differenti, il-*case study* jkun jista' jinqara minn student u l-istudenti l-oħra jieħdu sehem fid-diskussjoni. L-istudenti jistgħu jkunu mistednin mill-għalliem biex ikunu huma stess li joħolqu l-każ. Każ li jkun maħluq minn grupp, ikun jista' jkun diskuss minn grupp ieħor u hekk ikun hemm taħlita ta' ideat u żvilupp ta' ħsieb bejn il-klassi kollha.

- **Il-*Photo* situation:** F’dan ix-xogħol viżiv, l-istudent juri r-reazzjoni tiegħu għar-ritratt jew ritratti ppreżentat/i. Waqt id-diskussjoni l-istudenti joħorġu r-reazzjonijiet diversi li jvarjaw skont l-esperjenzi individwali tagħhom għal sitwazzjonijiet differenti diskussi u espressi permezz tar-ritratti. Hekk tkun tista’ toħroġ anke d-diversità li turi l-għana tal-esperjenzi tal-istudenti flimkien. Din tista’ ssir minn kull livell ta’ studenti.

- **Id-Diskussjonijiet:** Dan il-metodu jrid jiġi addattat skont l-esperjenzi tal-istudenti preżenti. Li l-għalliem jibda bi ***brainstorming session*** jgħin ħafna biex il-punt tat-tluq tiegħu għal-lezzjoni ma jkunx ogħla mill-abbiltà tal-istudenti. Il-*brainstorming* irid ikun ukoll maħluq b’mistoqsijiet gwidati u ggradati skont l-abbiltà tal-istudenti. Mod ieħor ta’ diskussjoni jista’ jkun fil-forma ta’ ***dibattitu*** fejn l-istudenti jagħmlu ħilithom biex jiddefendu l-punt ippreżentat lilhom anke meta personalment ma jaqblux miegħu. Forma oħra tista’ tkun dik ta’ ***problem solving*** fejn l-istudenti jiġu ppreżentati b’sitwazzjoni u permezz tad-diskussjoni jaraw l-aħjar mod kif jistgħu jsolvu l-problema ppreżentata. Id-diskussjoni tista’ tkun ippreparata minn qabel billi l-istudenti jingħataw is-suġġett minn qabel u fil-klassi jippreżentaw stampa jew sitwazzjoni dwar dak is-suġġett u ssir diskussjoni fil-klassi.

  Studenti jistgħu jew jippreparaw paragrafu jew jippreparaw stampa jew poster, bħal per eżempju dwar l-effetti tal-firdiet li ġab miegħu d-dnub fid-dinja.

- **Il-*graded handouts*:** Hawnhekk l-għalliem jipprepara *hand-outs* bl-eżerċizzji differenti li jwassal lil studenti ta’ abbiltajiet differenti biex ikollhom l-opportunità li jaħdmu dak kollu li jistgħu u jkollhom iċ-ċans li juru dak li tgħallmu. Hu importanti li l-*handout* tkun magħmula b’mod li l-istudenti jkunu mgħejjunu biex ‘jieħdu pjaċir’ għax jaraw li huma kapaċi li jaħdmu u jaslu huma wkoll.

- **L-Eżerċizzji bl-*interactive whiteboard*:** Dan hu metodu tajjeb ħafna u ta’ pjaċir fejn anke dak l-istudent li jbati fil-kitba, jista’ jieħu sehem. Jistgħu jintużaw stampi (*drag and drop exercise*), eż jingħata eżerċizzju bl-istampi u t-tfal iridu jqassmuhom skont stampi ta’ affarijiet tajbin u sbieħ u stampi ta’ affarijiet koroh u ħżiena.

Matul dan il-proċess kollu tal-metodoloġija, hu importanti li l-istudent, bir-ritmu tiegħu u skont kemm jiflaħ, ikun offrut sfidi fil-proċess tat-tagħlim tiegħu. L-istudent irid ikun imħeġġeġ u mgħajjun biex jasal biex jistaqsi (*inquiry based learning*)u jasal hu stess għall-konklużjonijiet mixtieqa.

L-għalliem, fil-għaqal tiegħu, irid jasal biex b’ħila jaddatta l-attività mal-ħila tal-istudent u mas-suġġett. Il-metodu jrid ikun marbut mal-metodu tal-assessjar, ħalli b’hekk kollox ikun f’postu u jagħmel ħafna sens għal-istudent li jkollu bżonn struttura li hi ħolistika.

**IL-MOD TAL-ASSESSJAR LI SE JIĠI WŻAT GĦALL-ISTUDENTI TAT-TIELET KLASSI TAL-ISKOLA SEKONDARJA LI GĦANDHOM LIVELL AKKADEMIKU TAL-EWWEL LIVELL (ĦILIET BAŻIĊI).**

L-istudenti li jinsabu fl-livell akkademiku tal-ewwel livell għandhom ikollhom tip ta' assessjar kontinwu u formattiv iktar milli summattiv għax b'hekk l-għalliem jista' jkollu stampa ċara dwar il-formazzjoni u l-bżonnijiet tal-istudent, aktar milli jittestja x'tgħallem l-istudent wara ammont ta' żmien. Dawn it-tip ta' studenti jista' jkollhom għajnuna b'direzzjoni utli għall-ħajja jekk l-għalliem jagħraf kull potenzjal li jista' jkollhom u jgħinnhom ikabbru dan il-potenzjal. Jekk l-istudent iħoss li dak li qed jitgħallem hu utli u li kapaċi jitgħallmu, ikabbar l-istima tiegħu u jimxi iżjed 'il quddiem. L-għalliem irid jifhem li t-tagħlim huwa proċess kontinwu u qatt ma jista' jħalli lill-istudent mingħajr dan l-ingredjent importanti fil-ħajja, hu ta' liema livell hu. L-għalliem għandu mill-bidu tas-sena joħloq tip ta' assessjar li jurih biċ-car il-livell ta' studenti li għandu quddiemu u juża kull opportunità fil-klassi biex jgħaraf in-nuqqasijiet fit-tagħallim tal-istudent u jtih istruzzjonijiet ċari kif jista' jitgħallem.

L-għalliem qabel ma jipprepara l-objettivi ta' kull lezzjoni għandu diġá jkollu f'moħħu kif ħa jassessja, kemm dawk ta' livell wieħed kif ukoll il-kumplament tal-klassi biex b'hekk jadatta aħjar id-direzzjoni tat-tagħlim u finalment l-assessjar. Importanti li l-għalliem jagħraf li fl-assessjar formattiv it-teknika ta' kif wieħed jagħmel il-mistoqsijiet kif ukoll x'mistoqsijiet jagħmel hija importanti.

L-assessjar formattiv ikun għodda tajba jekk l-għalliem:

- dejjem jagħraf il-valur u l-kapaċità tal-istudent;
- jaqsam mal-istudenti l-objettivi;
- jinvolvi l-istudent fl-assessjar individwali;
- jifhem li kull student jista' jimxi 'l quddiem;
- jaqsam mal-istudenti l-modi differenti (fuq livelli differenti) ta'kif jipprovdu evidenza li tgħallmu jew li mexjin lejn l-objettiv.

Importanti li l-modi effettivi tat-tagħlim ikunu bbażati fuq miri li jridu jintlaħqu, toroq alternattivi għat-tagħlim, struzzjoni flessibbli u l-użu ta' feedback ċar lill-istudenti;

Hu importanti li l-assessjar li juża l-għalliem isaħħaħ t-tagħlim u ma jistigmatizzax jew ma joffrix preġudizzju u allura ma jkunx iwassal għal konsegwenzi negattivi għall-istudenti. L-assessjar għandu jkollu viżjoni ħolistika tat-tagħlim li tikkunsidra l-aspetti akkademiċi, soċjali, emozzjonali u ta' mġiba fit-tagħlim, u jinforma b'mod ċar x'inhuma l-passi li jmiss fil-proċess tat-tagħlim.

L-għalliem irid jifhem li biex jibda jibni l-assessjar irid jieħu attitudni differenzjat għall-mod kif tiġi ttratta d-diversità ta' ħtiġijiet tal-istudenti fil-klassi, speċjalment dawk tal-ewwel livell. Attitudi bħal dan jinvolvi ssettjar strutturat tal-miri, ir-reviżjoni u ż-żamma ta' rekords, toroq alternattivi għat-tagħlim, struzzjoni flessibbli u modi differenti ta' kif tqassam lill-istudenti fi grruppi.

L-għalliem irid jifhem li l-assessjar formattiv jgħin lill-għalliem stess biex jifhem aħjar il-pass li jmiss jew il-livell iżjed għoli li jrid iwassal lill-istudenti tiegħu. L-istudent, min-naħa tiegħu, jekk ikollu għajnuna ta' miri ċari mill-għalliema, ikun iktar faċli għalih li jgħaddi minn livell għal ieħor fit-tagħlim.

Huwa importanti li l-assessjar tal-istudenti ta' dan il-livell tagħhom ikun jinbena tarġa wara l-oħra. Għalhekk fix-xogħol li jagħmlu l-istudenti tal-Ewwel Livell irid jidher ċar li hemm progress bejn assessjar u ieħor. L-għalliem għandu joħloq 'file' bix- xogħol kollu tal-istudent (80% mill-marka finali). F'dan il-'file' għandu jkun hemm:

**1. <u>Il-Menu (40% mill-marka finali)</u>**

L-għalliem għandu jipprepara bħal menu b'numru ta' għazliet li minnhom l-istudent jagħzel hu x'jixtieq jagħmel kemm bħala xogħol fil-klassi kif ukoll bħala xogħol għad-dar. Bix-xogħol li jintgħażel l-istudent ikun qed jipproduċi evidenza li l-miri stabbiliti għal dan il-livell intlaħħqu jew qed jiġu milħuqa. Eżempju tax-xogħol: *posters, charts, powerpoints,*ġurnal/djarju reliġjuż u oħrajn.

**A. Ġurnal/Djarju Reliġjuż, Posters u Charts**

Fil-ġurnal l-istudenti se jkunu qegħdin joħolqu numru ta' eżerċizzji u attivitajiet varji li jolqtu l-interess u l-kapaċitajiet li għandhom. L-istudenti jridu juru wkoll li kienu kapaċi jiġbru ammont ta' informazzjoni bażika permezz tal-użu ta' kotba, magazines u siti elettroniċi iggwidati mill-għalliema.

Dan il-ġurnal/djarju jista' jsir kemm fil-forma ta' ktejjeb tradizzjonali jew inkella b'mod elettroniku. Dan se jsir permezz ta':

- Tiftix ta' stampi relatati ma' dak li jkun qed jiġi mgħallem fil-klassi. B'dan il-mod l-istudent ikun jista' jorganizza l-informazzjoni li jkun ġabar b'mod viżiv jew interattiv.
- Tħejjija ta' posters biex ninċentivaw il-kreattività tal-istudenti.
- Kitba ta' sentenzi jew frażijiet qosra li laqtuhom waqt il-lezzjoni.
- Numru ta' mistoqsijiet bażiċi li permezz tat-tweġibiet tagħhom l-istudenti se jkunu qed juru x'attitudnijiet insara għandhom japplikaw fil-ħajja tagħhom.
- Talb spontanju li l-istudenti għandhom jippreparaw biex jesprimu l-fidi tagħhom. Din tista' tintuża bħala introduzzjoni jew konklużjoni għall-lezzjoni.

**B. <u>Xogħol fuq powerpoints</u>.**

L-għalliem jista' jagħti hu l-informazzjoni bażika lill-istudent dwar il-lezzjoni biex jibni l-powerpoint jew l-istudent joħroġ hu l-informazzjoni. Hekk l-għalliem qiegħed jgħaqqad tkun qed tgħaqqad l-ICT mar-Reliġjon.

**2. <u>Ic-Checklist (Iċ-Cekkjatura), Kuntratt tat-tagħlim (learning contract) (10% tal-marki finali)</u>**

L-għalliem għandu jipprepara tip ta' ċekkjaturi li tkun ippreparata flimkien mal-istudenti tal-ewwel livell biex l-istudenti jkunu ppreparati minn qabel fiex l-għalliem ħa jitfa' d-direzzjoni ta' assessjar tiegħu.

| **Isem l-istudent** | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Data tal-lezzjoni** | | | | |
| | Tajjeb Ħafna | Tajjeb | Mhux Ħażin | Ħażin |
| L-interess fil-lezzjoni | | | | |
| L-imġiba fil-lezzjoni | | | | |
| L-isforz fil-lezzjoni | | | | |
| L-attitudni Nisranija | | | | |
| Oħrajn .......... | | | | |

L-għalliem jista’ jżid iżjed punti li fuqhom għandu jiġi assessjat l-istudent skont dak li l-istudent ikun jixtieq li jimpenja ruħu fihom. B’dan il-mod isir tip ta’ kuntratt b’dawk il-punti li l-istudent innifsu jagħżel. Meta din timtela għall-istudent tal-Ewwel Livell f’kull lezzjoni l-istudent jagħti firma ta’ approvazzjoni għall-assessjar li jkun ġie mogħti.

Fl-aħħar tas-sena din tkun tammonta għal 10% mill-marka finali u titqiegħed fil-‘file folder’.

**<u>3. Xogħol u tagħlim kooperattiv (*peer tutoring*) (20% tal-marka finali)</u>**

Dan huwa tip ta’ assessjar li jinvolvi li l-istudenti tal-ewwal livell jaħdmu mall-klassi inġenerali. Dan jista’ jsir bi tliet modi:

Xogħol fi grupp ma’ persuna oħra biss ta’ livell iżjed għoli li tgħin l-istudent jiffamiljarizza ruħu iżjed ma’ xogħol itqal.(Buddy Teaching)

- Xogħol fi grupp b’abbiltajiet differenti. Kull student, bil-gwida tal-għalliem jgħin u jagħti l-kontribut tiegħu fiex ikun l-iżjed kapaċi. (Iggrupar eteroġenju)
- Xogħol fi grupp bl-istess abbiltà.(Iggruppar homoġenu)

Iċ-Cekkjaturi li semmejna fuq tista’ titkompla hekk, biex b’kollox tkun tiswa 20% mill-marka finali.

| | | |
|---|---|---|
| Isem l-istudent: | | |
| Id-Data | | |
| | **Kumment** | **Marka** |
| Xogħol fi grupp ma’ persuna oħra | | |
| Xogħol fi grupp b’abbiltajiet differenti | | |
| Xogħol fi grupp bl-istess abbiltá | | |
| Xogħol magħmul mill-istudent innifsu | | |

**4. <u>Orali/Numru ta’ mistoqsijiet fil-klassi (20% mill-marka finali)</u>**

Permezz tal-orali l-għalliema tar-reliġjon se jara fil-prattika kemm l-istudenti qegħdin jiksbu valuri Nsara. Dan jista’ jsir permezz ta’:

- Mistoqsijiet li jsiru lill-istudenti waqt il-lezzjoni. Dawn il-mistoqsijiet jistgħu jkunu ta’ natura informattiva, prattika u spiritwali.Hu importanti li l-għalliem jipprepara s-sett ta’ mistoqsijiet għall-istudent b’livelli differenti biex ikun iktar faċli għalih biex jindirizza l-mistoqsijiet tiegħu lil-liema studenti li minnhom jistenna tweġiba. Hu importanti li l-mistoqsijiet ikunu mibnija bi struttura artikolata li jgħinu lill-għalliem jassessja l-livelli ta’ tagħlim preżenti tal-istudent u allura jibni l-mistoqsijiet għal-lezzjoni ta’ wara.(assessment for learning)

- *Case studies* meħuda mill-ħajja ta' kuljum u li fihom l-istudent irid juri kif għandu janalizza l-ħajja tiegħu fil-messaġġ Nisrani. Fejn l-istudent ikun diffiċli għalihom li jaqraw il-case study, l-passaġġ, dan jista' jinbena b'modi aktar viżivi jew tas-smigħ. Pereżempju ta' *recording,* jew video-klip.

***Test* – Assessjar Summattiv (20% mill-marka finali)**

Permezz ta' *test* ippreparat mid-Diviżjoni stess wieħed irid jassessja b'mod summattiv dak li l-istudenti tgħallmu matul is-sena skolastika. Dan it-*test* ħa jkun magħmul minn eżerċizzji bażiċi. Dan it-Test jommonta għal 10% tal-marka finali. L-għalliema ħa jkun ipprovdut b'mistoqsijiet għal test-orali finali lill-istudenti tal-Ewwel Livell mibgħuta mid-Diviżjoni wkoll. Dan ikun jammonta għal 10% wkoll.

**Nota:**

Tkun idea tajba li kieku fil-klassi titwaħħal tabella fejn fuqha jkun hemm indikat il-miri li ser nippruvaw nilħqu mal-istudenti tal-Ewwel Livell, kif ukoll tal-home-class.r li se jintużaw mill-għalliema matul is-sena. Din tintuża biex l-istudenti jagħrfu li laħqu l-kriterji mitluba minnhom.

| Is-Sillabu tat-Tielet Sena tas-Sekondarja tal-Edukazzjoni Reliġjuża | |
|---|---|
| **Kap 1** | **L-Awtentiċità/Maskli** |
| **Lezzjoni 1** | **Inkunu Awtentiċi** |
| | 1. Aħna lkoll differenti u uniċi.<br>2. Li tkun awtentiku hija s-sejħa ta' kull bniedem.<br>3. Li tkun sincier tfisser li tagħraf dak li jagħmilna awtentici u originali.<br><br>**<u>L-Attitudni Nisranija</u>:** Fl-imġiba tagħna nuru sinċerità u allura ngħixu mingħajr maskli. |
| **Lezzjoni 2** | **Alla Jaf min Jien** |
| | 1. Alla jaf tassew min aħna u x'niswew.<br>2. Alla jħobbna tassew kif aħna.<br>3. Alla dejjem lest li jaħfrilna u jilqagħna lura.<br><br>**<u>L-Attitudni Nisranija</u>:** Nagħrfu tassew dak li Alla tana u x'għamel magħna. Nagħmluh mal-oħrajn billi nħobbu u naħfru lill-oħrajn. |
| **Lezzjoni 3** | **Il-Verità teħlisna** |
| | 1. Il-verità twassalna biex nagħrfu tassew aktar lilna nfusna.<br>2. Ġesù - mudell ta' bniedem liberu u awteniku.<br>3. Ġesù - it-triq li twassalna għall-verità.<br><br>**<u>L-Attitudni Nisranija</u>:** Nibnu ħajjitna fuq l-eżempju u l-ħajja ta' Ġesù biex nimxu dejjem fit-triq it-tajba. |
| **Lezzjoni 4** | **San Pawl** |
| | 1. Il-kwalitajiet tal-imħabba skont San Pawl – il-kantiku tal-imħabba.<br>2. L-imħabba ta' Alla tgħinna nisru aktar awtentiċi.<br>3. L-imħabba tkeċċi l-biża' 'l barra.<br><br>**<u>L-Attitudni Nisrnija</u>:** Nħobb lil xulxin bħala Nsara u dan għandu jmexxina fil-ħajja tagħna. |
| **Lezzjoni 5** | **Il-Ħbieb** |
| | 1.Il-valuri tal-ħbiberija.<br>2. Il-ħbieb jgħinuk tneħħi l-maskli.<br>3. David u Jonathan – mudelli ta' ħbiberija Nisranija<br><br>**<u>L-Attitudni Nisranija</u>:** Inkunu tassew ħbieb ġenwini u awtentiċi għall-oħrajn. |
| **Lezzjoni 6** | **Il-Familja** |
| | 1. X'nifhmu bil-kelma 'familja' u x'inhu r-rwol tagħha ?<br>2. Fil-familja nuru tassew min aħna. |

| | |
|---|---|
| | 3. Il-familja Nisranija (il-Knisja) tgħinna nikbru aktar fl-imħabba u nkunu tassew awtentiċi.<br><br>**<u>L-Attitudni Nisranija</u>:** Ngħixu u nkunu parteċipattivi fil-komunità Nisranija. |
| | |
| **Kap 2** | **Il-bniedem sħiħ** |
| **Lezzjoni 1** | **Is-sbuħija tal-bniedem** |
| | 1. Alla hu l-awtur ta' kollox u ħalaq kollox tajjeb.<br>2. Il-bniedem huwa maħluq xbieha ta' Alla.<br>3. Il-virtù hija drawwa li tagħmel dak li hu tajjeb.<br>4. It-tliet virtujiet li jagħmlu lill-bniedem sħiħ huma l-għaqal, il-qawwa u l-ġustizzja.<br><br>**<u>L-Attitudni Nisranija</u>:** Inroddu ħajr lil Alla ta' kull ma tana. |
| **Lezzjoni 2** | **Is-solitudni** |
| | 1. Il-*Loneliness* - il-fatt li nħossni waħdi.<br>2. *Being alone* - li huwa bżonn tal-bniedem.<br>3. Ir-relazzjoni virtwali u r-relazzjoni reali.<br><br>**<u>L-Attitudni Nisranija</u>:** Il-bżonn li nagħrfu nużaw il-ħin kemm għalina nfusna ma' Alla u kemm mal-oħrajn. |
| **Lezzjoni 3** | **Lil min tappartjeni** |
| | 1. L-imħabba u l-fiduċja. Għandna bzonnhom fil-ħajja tagħna.<br>2. Il-familja – l-ewwel grupp li nappartjenu fil-ħajja.<br>3. Li nikber fi grupp jgħinni nikber b'saħħti.<br><br>**<u>L-Attitudni Nisrsanija</u>:** Napprezzaw il-familja u l-gruppi li nagħmlu parti minnhom. |
| **Lezzjoni 4** | **Il-preġudizzji tagħna** |
| | 1. X'inhu preġudizzju? Fuqiex inhu mibni?<br>2. X'inhi l-libertà? X'inhu dak li jagħmilna liberi?<br>3. Il-Kmandamenti u l-libertà fil-ħajja tal-bniedem.<br><br>**<u>L-Attitudni Nisranija</u>:** Nagħrfu s-sabiħ tal-libertà u li nagħrfu napprezzaw il-libertà ta' ħaddieħor. |
| **Lezzjoni 5** | **Il-Maħfra u l-ħniena** |
| | 1. Il-ħniena ta' Kristu lejn il-midneb.<br>2. Il-maħfra li tillibera lill-bniedem mit-toqol li jista' jġorr bin-nuqqas ta' maħfra.<br>3. Is-setgħa ta' Ġesù fuq id-dnub.<br><br>**<u>L-Attitudni Nisranija</u>:** Naħfru biex napprezzaw is-sbuħija tal-maħfra li għandna bzonn mingħand Alla u ngħadduha lil ħaddieħor. |

| | |
|---|---|
| **Lezzjoni 6** | **Il-bniedem matur** |
| | 1. Kristu – bniedem u Alla – kien umli.<br>2. Il-Kmandament tal-imħabba.<br>3. Liema huma l-kwalitajiet tal-bniedem matur?<br><br>**<u>L-Attitudni Nisranija:</u>** Ikollna attitudni ta’ umiltà biex nagħrfu naslu għall-maturità Nisranija. |
| | |
| **Kap 3** | **Inħobbok!** |
| **Lezzjoni 1** | **Ftit inqas mill-anġli għamiltu** |
| | 1. Il-bniedem jagħżel li jħobb u li jaċċetta li jiġi maħbub.<br>2. Il-bniedem huwa maħluq xbieha t’Alla.<br>3. Ġesù stess jieħu l-forma tal-ġisem tal-bniedem.<br>4. Il-ġisem għandu l-bżonnijiet tiegħu (irid jagħmel azzjonijiet, mistrieħ, ikel, jibni relazzjonijiet, ikollu xewqat, jaspira li jakkwista, eċċ.)<br><br>**<u>L-Attitudni Nisranija</u>**: Bħala Nsara aħna rridu nibnu relazzjonijiet tajbin u nħobbu lin-nies ta’ madwarna. |
| **Lezzjoni 2** | **Ibza’ għalija!** |
| | 1. Il-ħajja u l-ġisem huma żewġ rigali li Alla għoġbu jagħtina. Aħna rridu nagħmlu użu tajjeb minnhom.<br>2. Irridu nħarsu lil ġisimna mill-perikli fiżiċi u oħrajn li ma jidhrux (Eż.il-vizzji).<br>3. Min japprezza dan ir-rigal jgħożż il-partijiet intimi tiegħu bħala sinjal ta’ gratitudni lejn Alla, bħala sinjal ta’ rispett lejh innifsu u sinjal ta’ rispett lejn il-persuni li magħhom jista’ jafda u jaqsam il-lingwaġġ sesswali tiegħu.<br><br>**<u>L-Attitudni Nisranija</u>**: Bħala Nsara aħna għandna nibżgħu għall-ġisem tagħna billi nużawh bl-aktar mod xieraq skont ir-rieda t’Alla. |
| **Lezzjoni 3** | **Tarġa tarġa** |
| | 1. Biex tikber relazzjoni wieħed irid jitla’tarġa tarġa:<br>a. Il-ħars (żewġ persuni jħarsu lejn xulxin);<br>b. Il-ġesti (Eż. iżżomm id xulxin);<br>c. Il-bews (it-tgħannieq u l-bews);<br>d. L-att sesswali (l-ogħla tarġa li fiha l-persuni jagħtu lilhom nfushom lil xulxin).<br>2. Każijiet fejn ikun hemm bzonn l-astinenza: sagrifiċċju li jagħmilna nikbru fl-imħabba.<br><br>**<u>L-Attitudni Nisranija</u>**: Meta nkunu f’relazzjoni ta’ mħabba m’għandniex ngħaġġlu biex nagħmlu l-att sesswali. L-imħabba bejn koppja tikber aktar jekk din ir-relazzjoni tinbena flimkien pass pass. |
| **Lezzjoni 4** | **L-Armonija fil-Ġisem** |
| | 1. Il-moħħ u r-raġuni (il-kuxjenza) jridu jaħdmu id f’id max-xewqat u l-istinti (il-passjoni).<br>2. Jekk dawn ma jaħdmux id f’id ikun hemm konsegwenzi (Eż.indejqu jew |

| | |
|---|---|
| | inweġġgħu lil min jgħix magħna u nagħtu skandlu lil min jarana).<br>3. Dan l-atteġġjament ikisser d-dinjità u l-valur tar-rispett lejn il-ħajja afdata lilna.<br><br>**<u>L-Attitudni Nisranija</u>**: Nirrispettaw lilna nfusna u lill-oħrajn – mhux bħa ġisem biss imma bħala persuna sħiħa. Meta l-persuna jkollha x'taqsam sesswalment mal-*partner* tagħha trid tissodisfa b'mod sħiħ lilha nnifisha jiġifieri trid tissodisfa kemm il-moħħ kif ukoll il-qalb. Għalhekk wieħed ma jridx jagħmel l-att sesswali billi jissodisfa l-istint tiegħu biss iżda jrid jissodisfa l-kuxjenza tiegħu ukoll. |
| **Lezzjoni 5** | **Qawsalla ta' Kuluri** |
| | 1. Nagħrfu d-diversità ta' bejn orjentazzjonijiet sesswali differenti (LGBT). It-tifsir tal-kuluri tal-bandiera: Qawsalla ta' Kuluri.<br>2. Ġesù jikkundanna lil min jinsulta nies ta' fehmiet jew orjentazzjonijiet sesswali differenti.<br>3. Għalkemm b'orjentazzjoni sesswali differenti bħala bnedmin maħluqin fuq ix-xbieha t'Alla aħna kollha għandna dinjità.<br><br>**<u>L-Attitudni Nisranija</u>**: F'soċjetà għandek nies li huma totalment differenti minn xulxin. Bħala Nsara rridu naċċettaw u nħobbu lil kull min huwa differenti anke lil dawk li huma ta' orjentazzjoni sesswali differenti minn tagħna. |
| **Lezzjoni 6** | **Fil-kamra tal-ikel** |
| | 1. Il-ħajja miżżewġa bejn tnejn min-nies titlob ċerta kwalitajiet bħal:<br>a. Ma taħsibx aktar fis-singular;<br>b. Trid tkun lest li tingħata u tagħti;<br>c. Twassal l-imħabba lejn l-ulied;<br>d. Jċedu lil xulxin meta jkun il-bżonn;<br>e. Tressaq lil xulxin lejn il-paċi ta' dejjem.<br>2. L-importanza tat-talb fiż-żwieġ.<br>3. Alla jkun prezenti fiż-żwieġ Nisrani.<br><br>**<u>L-Attitudni Nisranija</u>**: In-Nisrani jrid jifhem li biex iż-żwieġ sagrament ikun komplut u jirnexxi jrid ikun hemm fih ċerta karatteristiċi. |
| | |
| **Kapitlu 4: Jiena Nisrani! Imma x'ifisser?** | |
| **Lezzjoni 1** | **L-imsejħin** |
| | 1. Wara l-waqgħa tal-ewwel bnedmin fil-Ġnien tal-Għeden, Alla baqa' dejjem mal-bniedem, iqawwilhom qalbhom bit-tama tas-salvazzjoni.<br>2. Is-salvazzjoni tal-bniedem dehret fil-persuna ta' Ġesù.<br>3. Il-bniedem għandu bżonn il-Knisja għax għandu bzonn lil Ġesù Kristu.<br>4. Il-Knisja teżisti sabiex twassal id-dawl ta' Kristu fid-dinja.<br><br>**<u>L-Attitudni Nisranija:</u>** Bħala Nsara, għandna nkabbru l-imħabba tagħna lejn il-proxxmu tagħna u b'hekk insalvaw aħna u dawk ta' madwarna. |

| | |
|---|---|
| **Lezzjoni 2** | **Is-Sagramenti** |
| | 1. Ir-Reliġjon tgħin lill-bniedem ifittex, jistaqsi u jersaq iktar qrib Alla.<br>2. Is-Sagramenti twaqqfu minn Ġesù permezz ta' kliem jew azzjonijiet li huwa qal f'mumenti differenti tal-ħajja tiegħu.<br>3. Kristu ħalla s-Sagrament f'idejn il-Knisja biex tamminstrahom u biex jagħtu l-grazzja tagħhom.<br><br>**<u>L-Attitudni Nisranija</u>**: Nieħdu sehem fis-Sagramenti li Ġesù ħallielna fid-dinja biex bil-grazzja li nirċievu ngħinu lil dawk ta' madwarna. |
| **Lezzjoni 3** | **Melħ tal-art** |
| | 1. Il-ħajja tagħna hija mimlija sfidi<br>2. In-Nisrani prezentat minn Ġesù Kristu bħala l-melħ tal-art u d-dawl tad-dinja.<br>3. Ġesù li jagħżel li jinsa l-affarijiet personali tiegħu sabiex ikun jista' jiddedika ħajtu għall-oħrajn u permezz tiegħu jsalvaw u jduqu l-imħabba kbira tal-Missier.<br><br>**<u>L-Attitudni Nisranija</u>**: Bħala Nsara rridu nifhmu eżatt xi tfisser li tagħti ħajtek għal ħaddieħor u meta tifhimha tipprova tiddedika ħajtek għall-oħrajn. |
| **Lezzjoni 4** | **Kontra l-Kurrent** |
| | 1. Matul is-snin kienu ħafna l-persuni li kkaġunaw persuni oħra jbatu minħabba d-diversità ta' twemmin, kultura u razez.<br>2. Diffiċli nifhmu r-raġuni tat-tbatija, l-inġustizzji, il-*bullying* u ħafna affarijiet oħra.<br>3. Ġesù ġie ppersegwitat, ikkundannat, ikkastigat u maqtul proprju għax kien qed jagħmel it-tajjeb u l-ġid.<br><br>**<u>L-Attitudni Nisranija:</u>** Bħala Nsara rridu naċċettaw l-isfida li toffrilna l-kultura ta' madwarna meta din tħajjarna biex nagħmlu dak li f'għajnejna jidher li mhux tajjeb, biex inkunu "il-melħ tal-art u d-dawl tad-dinja". |
| **Lezzjoni 5** | **Differenti imma l-istess!** |
| | 1. Kull persuna hija differenti u distinta mill-persuni l-oħra. Id-differenza hi fuq livell fiżiku, fil-mod li naħsbuha, u fl-identità tiegħi, fost l-oħrajn.<br>2. Il-ħajja tiegħi ma' Alla rrid ngħixha b'mod awtentiku. Trid tkun ħajja, mgħixa mill-qalb u flimkien mal-komunità Nisranija. Ma nistax ngħix ir-reliġjon waħdi.<br>3. Bħala persuna li ngħix f'komunità jien responsabbli wkoll tal-oħrajn u allura rrid inkun xhud ta' Kristu.<br><br>**<u>L-Attitudni Nisranija</u>**: Nuru dak li nemmnu u r-relazzjoni tagħna ma' Kristu, meta nkun ta' servizz għall-oħrajn. |
| **Lezzjoni 6** | **Se jmegħruni!** |
| | 1. L-Ewkaristija tqarribna lejn Ġesù.<br>2. Is-sejħa tan-Nisrani hi li bħalma kienu l-profeti u nies oħra matul l-istorja tal-Knisja, ikun lapes f'idejn Alla. B'hekk ikunu sagrament fil-kultura tagħhom, fil-ħajja tax-xogħol tagħhom, fis-soċjetà li qed jgħixu fiha.<br>3. Aħna lkoll ċittadini f'din is-soċjetà imma fuq kollox aħna ċittadini Nsara.<br>4. Mal-medda tas-snin, l-Insara kontinwament affaċjaw l-isfidi li kellhom kontriehom mill-kultura ta' madwarhom u ma beżgħux imorru kontra l-kurrent. Fost dawn in-nies nistgħu nsemmu lil San Tumas More u lill-fundaturi tal-Unjoni Ewropea. |

| | |
|---|---|
| | **<u>L-Attitudni Nisranija</u>**: Nuru li aħna Nsara avolja dan jista' jiswielna ħafna! Ma nibżgħux inkunu differenti minn dawk li jdawruni, sakemm inkunu qegħdin nagħmlu dak li Alla jrid minnai. |
| | |
| **Kap 5** | **Tħott jew tibni?** |
| **Lezzjoni 1** | **Il-Pjan oriġinali** |
| | 1. Il-Ġenesi jipprova jagħtina tweġiba għall-ħsibijiet u l-mistoqsijiet dwar minn fejn ġej il-ħażen fiż-żewġ rakkonti tal-ħolqien.<br>2. Skont il-ħsieb oriġinali ta' Alla l-bniedem kellu jgħix liberu u mingħajr ebda sens ta' mistħija.<br>3. Skont ir-rakkont tal-ħolqien, il-bniedem ġie maħluq f'pożizzjoni speċjali bħala l-quċċata tal-ħolqien.<br>4. Il-bniedem hu mistieden jikkolabora ma' Alla fil-ħolqien tiegħu.<br><br>**<u>L-Attitudni Nisranija:</u>** Inħossu sens ta' apprezzament għaliex bħala bnedmin għandhom post speċjali fil-ħolqien. Bħala persuni huma mistednin biex jikkolaboraw ma' Alla fil-ħolqien tiegħu. |
| **Lezzjoni 2** | **X'Waħda Waqajna!** |
| | 1. Minħabba d-dnub, il-bniedem tilef il-grazzja oriġinali li biha kien ġie maħluq minn Alla.<br>2. Meta l-bniedem jiddeċiedi li jagħżel hu bejn dak li hu tajjeb jew li mhuwiex tajjeb għalih, il-bniedem jissuppervja ma' Alla u jitbiegħed minnu.<br>3. Il-konsegwenzi tad-dnub huma t-tbatija, it-taħwid, il-firda u l-mewt.<br>4. Id-dnub iġib il-firda bejnu u bejn Alla, bejnu u bejn il-bnedmin l-oħra u bejnu u bejn in-natura ta' madwaru.<br><br>**<u>L-Attitudni Nisranija</u>**: Kemm hu tajjeb li meta nonqsu nammetu li nkunu żbaljajna u nsewwu l-firda li nkunu ġibna permezz tad-dnub tagħna. |
| **Lezzjoni 3** | **Liberi jew le?** |
| | 1. Meta norbtu qalbna ma' oġġetti jew ma' ħwejjeġ materjali din l-istess rabta ttellifna l-libertà sħiħa tagħna.<br>2. Persuna libera tiskopri li tista' tagħmel li trid, kif, fejn, meta u ma' min trid imma dejjem b'mod responsabbli għaliha u għal ħaddieħor.<br>3. Il-bniedem jidħol fi stat ta' dnub meta b'mod maħsub, deċiż u liberu jisfida jew imur kontra r-rieda ta' Alla.<br>4. Id-dnub itellef il-liberta' lill-bniedem.<br><br>**<u>L-Attitudni Nisranija</u>**: Nirringrazzjaw Alla li ħalliena liberi li nagħżlu bejn it-tajjeb u l-ħażin. |
| **Lezzjoni 4** | **Bnedmin ta' kuxjenza?** |

| | |
|---|---|
| | 1. Meta nagħmlu dak li hu tajjeb inħossuna sodisfatti u ferħanin u meta nagħmlu dak li mhux tajjeb inħossu sens ta’ ħtija u xi ħaġa fina tniggiżna.<br>2. Il-kuxjenza hija l-qalba l-aktar profonda tagħna. Twissina biex nagħżlu bejn it-tajjeb u l-ħażin.<br>3. Naraw x’jista’ jfixkel l-iżvilupp tal-kuxjenza u kif nistgħu nibnu kuxjenza tajba u nsaħħuha.<br><br>**<u>L-Attitudni Nisranija</u>**: Napprezzaw il-libertà li zejjinna biha Alla biex nagħmlu għażliet liberi u tajbin f’ħajjitna. |
| **Lezzjoni 5** | **Beati!** |
| | 1. Bħala Nsara rridu nippreżentaw id-dubji u d-diżappunti tagħna quddiem Alla.<br>2. Permezz tal-beatitudnijiet Ġesù jurina li l-bniedem li jsib il-ferħ veru jifhem xi tfisser li tgħix verament liberu.<br>3. Ġesù tana l-beatitudnijiet biex jgħinuna nifhmu aħjar kif nistgħu ngħixu ħajja bis-sens.<br><br>**<u>L-Attitudni Nisranija</u>**: Ngħixu ferħanin u napprezzaw il-ħajja meta ngħixuha bis-sens skont kif iridna Alla. |
| **Lezzjoni 6** | **Flimkien mal-komunità** |
| | 1. Kull azzjoni li ssir, tajba jew ħażina, ikollha effett fuq is-soċjetà kollha.<br>2. F’soċjetà inklussiva kull bniedem ikun liberu u jsib postu f’dik is-soċjetà billi jiġu mħarsa d-drittijiet u l-bżonnijiet partikolari ta’ kull persuna.<br>3. L-agħar inġustizzji huma dawk li jolqtu l-bniedem fid-drittijiet fundamentali tiegħu.<br><br>**<u>L-Attitudni Nisranija</u>**: Naħsbu dwar l-effetti li jħallu ċerti azzjonijiet li nkunu għamilna b’mod li nagħmlu kemm jista’ jkun dak li hu tajjeb u allura li jogħġob lil Alla. |
| | |
| **Kap 6** | **Id-Dinja barra minni** |
| **Lezzjoni 1** | **Min Qalilhom Jgħammduni?** |
| | 1. Ir-reliġjon ma tnessikx mir-realtà ta’ madwarek biex nieħdu ħsieb dak li hemm ġo fina biss, iżda tgħinna nikbru fir-relazzjonijiet tagħna mal-oħrajn.<br>2. Irridu ngħixu mhux għalina imma għall-oħrajn. Irridu nikkumplimentaw lil xulxin u nagħmlu lil xulxin aktar sħaħ billi nagħmlu tajjeb għan-nuqqasijiet ta’ xulxin.<br>3. Ġesù jenfasizza li int ma tistax tħobb lil Alla u tinsa lil ta’ madwarek. Allura għandna naqsmu dak li għandna mal-oħrajn.<br>a. Ġesù għallimna bi stejjer kemm hu sabiħ li naħsbu f’ħaddieħor: “Il-parabbola tas-Samaritan it-Tajjeb”.<br>4. Il-Knisja, kelma li tfisser ‘sejħa’, issejħilna biex inkunu parti minn ġemgħa. Permezz tas-sagramenti, nindunaw kemm dawn huma ċelebrazzjonijiet biex ngħinu lil xulxin nikbru. Dan nagħmluh billi ngħixu b’mod sħiħ fil-komunità.<br><br>**<u>L-Attitudni Nisranija:</u>** Nagħrfu ngħixu iktar qrib tal-oħrajn, jinteressana minn ta’ madwarna u nfittxu li nħobbu lill-proxxmu. Nersqu iktar ta’ spiss lejn is-sagramenti biex nikbru fl-imħabba t’Alla. |

| | |
|---|---|
| **Lezzjoni 2** | **Malta Kattolika** |
| | 1. Il-kultura Maltija għandha fiċ-ċentru tagħha l-element reliġjuż. Insibu diversi tagħlim, esperjenzi, valuri, twemmin u drawwiet b'rabta qawwija mar-Reliġjon Nisranija.<br>2. Mill-miġja ta' San Pawl lil hawn insibu diversi rakkonti u ġrajjiet li juru r-rabta tal-Malti mar-Reliġjon Nisranija.<br>3. Minn erbatax-il festa pubbliċi li għandna, sebgħa minnhom huma b'konnotazzjoni Nisranija: In-Nawfraġju ta' San Pawl (10 ta' Frar), San Ġużepp (19 ta' Marzu), il-Ġimgħa l-Kbira, L-Imnarja (29 ta' Ġunju), Santa Marija (15 t'Awissu), il-Vitorja (8 ta' Settembru) u l-Immakulata Kuniċizzjoni (8 ta' Diċembru).<br><br>**<u>L-Attitudni Nisranija:</u>** Nagħrfu liema attivitajiet kulturali reliġjużi għandna f'pajjiżna biex inkunu nistgħu nipparteċipaw f'xi festa jew attività minnhom. |
| **Lezzjoni 3** | **Knisja waħda?** |
| | 1. Iktar ma tikber il-komunità u jiżdiedu l-membri fiha, iktar hemm ċans li jkun hemm nuqqas ta' qbil. Il-Knisja mhijiex eċċezzjoni. Fil-Knisja seħħew żewġ firdiet kbar: (a) il-firda bejn l-Insara tal-Lvant u tal-Punent; (b) Il-firda bejn il-Kattoliċi u l-Protestanti.<br>2. Il-Kristjani – tirreferi għalina bħala segwaċi ta' Kristu.<br>3. L-Insara – kelma semitika li qed tirreferi għalina bħala segwaċi ta' Ġesù n-Nazzarenu.<br>4. Il-Kattoliċi – li tfisser universali. Iddaħħlet wara l-firdiet li seħħew biex tirreferi għal dawk li bħalna baqgħu jemmnu fl-awtorità tal-Papa.<br><br>**<u>L-Attitudni Nisranija:</u>** Nagħrfu naċċettaw lil kulħadd, anke ta' reliġjon differenti – il-Kattoliċi, l-Ortodossi u l-Protestanti. Għalkemm jeżistu xi differenzi, nagħrfu nirrispettaw lil kulħadd u nfittxu l-interess komuni. |
| **Lezzjoni 4** | **Gwerer (xejn) qaddisa** |
| | 1. Nieħdu l-eżempju ta' żewġ komunitajiet fl-istess raħal (jistgħu jkunu żewġ każini tal-baned) li bejniethom hemm rivalità. X'inhu dak li jifridhom? X'inhu dak li jgħaqqadhom?<br>2. Ma nistgħux nifirdu r-reliġjon mill-kultura tal-poplu u għalhekk dik li tista' tidher bħala raġuni reliġjuża għaliex inbeda konflitt, issir waħda politika u ekonomika.<br>3. Il-ġlieda bejn l-Insara u l-Musulmani – il-Kruċjati. Seħħew bejn 1095 u 1291. Kienu gwerer għal-kontroll ta' Ġerusalemm. Għaż-żewġ reliġjonijiet din il-belt kienet importanti ħafna.<br>4. L-Anti-semitiżmu – l-Insara tal-bidu tefgħu l-ħtija tal-mewt ta' Ġesù mhux biss fuq il-mexxejja Lhud imma fuq ir-razza kollha Lhudija.<br><br>**<u>L-Attitudni Nisranija:</u>** Ladarba l-iskejjel tagħna qed isiru iktar multi-kulturali, fejn għandna tfal bi twemmin differenti, naħdmu għall-interess komuni u għall-għaqda. |
| **Lezzjoni 5** | **Imwaqqgħu l-ħitan** |
| | 1. Ġesù ma wassalx messaġġ ta' firda imma messaġġ ta' għaqda. F'dawn l-aħħar snin, jidher ċar li l-ħitan li bnew l-Insara, hemm sforz li jitwaqqgħu. Hemm ir-rieda u x-xewqa; u filfatt naraw li qed isir djalogu fost l-Insara u ma' reliġjonijiet oħra biex jerġgħu jersqu lejn xulxin.<br>2. Il-Moviment Ekumeniku qed jaħdem b'mod kontinwu għall-għaqda fost l-Insara. Il-ħidma ta' dan il-moviment tikkonsisti f'laqgħat ta' talb flimkien, konverżjoni tal-qalb u djalogu u laqgħat fost il-mexxejja u l-istudjużi.<br>3. F'dawn l-aħħar snin rajna impenn kbir biex dawn il-ħitan jitkissru fosthom:<br>• Papa Ġwanni Pawlu II fl-1986 iżur sinagoga Lhudija u jsejjaħ lill-istess Lhud bħala 'ħutna l-kbar.' |

| | |
|---|---|
| | • Papa Benedittu XVI fl-2011 sejjaħ laqgħa ta' talb u stieden 4 ateji biex jieħdu sehem f'dan id-djalogu.<br>• Papa Franġisku, fl-2013, għażel li jagħmel it-tifkira tal-ħasil tar-riġlejn ġewwa ħabs f'Ruma u fost l-oħrajn ħasel ir-riġlejn ta' żewġ Musulmani.<br><br>**<u>L-Attitudni Nisranija:</u>** F'każ fejn għandna skejjel li fihom hemm studenti bi twemmin differenti, dawn għandhom iwettqu proġett flimkien biex jinbena djalogu sod. Infittxu li nitgħallmu minn xulxin u li nkunu għodda ta' għaqda. |
| **Lezzjoni 6** | **Ta' min hi t-tajba?** |
| | 1. Il-proċess tal-globalizzazzjoni qed jolqot ukoll il-wirt Nisrani f'pajjiżna. X'qed nagħmlu biex il-messaġġ ta' Ġesù nsostnuh u nkattruh?<br>a. Jista' persuna jgħid: Dak li għandi jien biss tajjeb? Meta niddjalogaw, huwa sew li ngħid tiegħi biss u ma nismax xi jrid jgħidli ħaddieħor?<br>2. Il-Knisja fetħet id-djalogu ma' min jaħsibha differenti. Id-dokument tal-Konċilju Vatikan II, *Lumen Gentium*, jispjega li kull min qed ifittex lil Alla bis-sinċerità ta' qalbu, dan jista' jikseb is-salvazzjoni ta' dejjem.<br>3. Il-Knisja u l-użu tal-internet u s-*social media*. X'tista' tagħmel il-Knisja biex tilħaq iktar lil kulħadd.<br><br>**<u>L-Attitudni Nisranija</u>**: Infittxu dejjem li niddjalogaw mal-oħrajn, biex avaolja għandna d-differenzi, nibnu komunità Nisranija skont il-mudell ta' Ġesù Kristu. |

| **L-Ewwel Livell** | **L-EDUKAZZJONI RELIĠJUŻA** | | |
|---|---|---|---|
| ***L-istudent juri ħila bażika li jkun kapaċi jifhem u jiddiskuti mill-esperjenza tiegħu b'mod sempliċi l-erba' strati li joħorġu mill-esperjenza Reliġjuża tiegħu fil-ħajja ta' kuljum.*** | | | |
| | **It-Tagħrif** | **Il-Ħiliet** | **Il-Kompetenza** |
| **Il-Lingwa Reliġjuża** | L-istudent ikollu tagħrif bażiku dwar:<br>• It-terminoloġija bażika li wieħed għandu jkollu biex jifhem u jgħix il-messaġġ Nisrani.<br>• Il-lingwaġġ tat-talb individwali u komunitarju. | L-istudent ikollu l-ħila bażika:<br>• Li jagħraf l-importanza tar-Reliġjon f'ħajtu.<br>• Li jagħraf il-bżonn li jesprimi l-fidi tiegħu kemm b'mod personali u kemm f'ċeremonji liturġiċi. | L-istudent ikollu l-kompetenza bażika:<br>• Li jaf kif għandu jgħix ir-Reliġjon tiegħu, u allura ta' Nisrani.<br>• Li jesprimi l-fidi tiegħu permezz tat-talb.<br>• Li juri li kapaċi jipparteċipa b'mod attiv fiċ-ċeremonji liturġiċi. |
| **Il-Kelma t'Alla** | L-istudent ikollu tagħrif bażiku dwar:<br>• L-għarfien li l-Bibbja hija l-messaġġ li Alla ħallielna bħala l-kelma tiegħu, kemm dik ta' qabel Kristu u kemm ta' wara Kristu.<br>• Li l-awturi sagri wasslu l-messaġġ b'diversi modi, fosthom bi stejjer u poeżiji.<br>• Li dan huwa messaġġ mimli mħabba, tama u qawwa għal dawk kollha li jemmnu f'din il-kelma. | L-istudent ikollu l-ħila bażika:<br>• Għandu l-ħila bażika li jfittex fil-Bibbja.<br>• Għandu l-ħila bażika li jagħraf li l-Bibbja hija ta'għajnuna speċjali (gwida) fil-ħajja tiegħu, avolja nkitbet eluf ta' snin ilu. | L-istudent ikollu l-kompetenza bażika:<br>• Li jaf kif ifittex mill-Bibbja l-messaġġ li għal ħajtu.<br>• Li jaf japplika l-messaġġ mill-Bibbja għal ħajtu u bħala għajnuna għal ħaddieħor. |
| **Id-Dimensjoni Spiritwali** | L-istudent ikollu tagħrif bażiku dwar:<br>• Kif jagħraf u jħaddan is-sens ta' spiritwalità Nisranija.<br>• Id-diversi modi tat-talb tan-Nisrani. It-talb u l-funzjoni tiegħu fil-ħajja tan-Nisrani, kemm b'mod individwali u kemm bħala komunità permezz tal-liturġija. | L-istudent ikollu l-ħila bażika:<br>• Ta' kif għandu jwieġeb il-mistoqsijiet il-kbar tal-ħajja.<br>• Ta' kif għandu jesprimi dak li jħoss fir-relazzjoni tiegħu m'Alla. | L-istudent ikollu l-kompetenza bażika:<br>• Li jesprimi l-emozzjonijiet tiegħu fir-relazzjoni tiegħu m'Alla.<br>• Li jwieġeb b'mod personali għall-mistoqsijiet il-kbar li jħoss f'ħajtu. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Il-Ħarsa Personali tad- Dinja Kattolika** | L-istudent ikollu tagħrif bażiku dwar:<br><br>• Biex jagħraf id-differenzi ta' madwaru u jaċċettahom.<br>• X'inhuma l-valuri u l-virtujiet li għandu jħadden in-Nisrani.<br>• Kif għandu janalizza l-ħajja tiegħu fil-messaġġ Nisrani. | L-istudent ikollu l-ħila bażika:<br><br>• Li jaċċetta li hemm nies differenti minnhu fis-soċjetà.<br>• Li jimxi fuq valuri tajba u jipprova jsaħħaħ il-virtujiet tiegħu.<br>• Li jagħraf u jagħżel liema triq irid jimxi fiha fil-ħajja. | L-istudent ikollu l-kompetenza bażika:<br><br>• Li dejjem jimxi 'l quddiem fil-ħajja b'relazzjoni mal-oħrajn.<br>• Li jkabbar u jsebbaħ id-dinja ta' madwaru bil-valuri ul-virtujiet li hu jgħix.<br>• Li jagħmel għażliet tajbin b'valuri Nsara. |